

# In-Naħla
## *(Apis mellifera)*

Ġanni Camilleri

Minn sbieħ il-jum sa tmiemu,
In-naħla tir, iddur
U tirgħa qalb il-fjuri
Mbagħad fil-bejta tmur.

U fir-rebbiegħa tittajjar
Qalb siġar kollha fjur.
X'ħin tarda' minn ġo fjura,
Fuq l-oħra din dlonk tmur.

U kif tkun ġewwa l-fjura,
Din tieħu kulma hu bnin
U ġġorru fis fil-bejta
Fejn hemm iż-żgħar ħelwin.

In-naħla tirgħa u ddakkar
Il-fjur tal-frott sabiħ
Biex jagħmel frott bil-kotra
U fil-ħanut jinbiegħ.

In-naħal b'sengħa kbira
Ix-xehda jibni sew.
Tkun bħal mużajk mill-isbaħ-
Id-dar fejn jitrabbew.

Biex jgħixu ż-żgħar fil-qolla,
Dawn jieklu l-għasel bnin,
Famuż għalih gżiritna;
U dan għal ħafna snin.

In-naħla tagħmel kollox
Biex tieħu ħsieb il-frieħ.
U 'l min jiżżarda jmisshom
Din tniggżu u jmur b'uġigħ.

In-naħla ġid biss tagħmel
U ma tittanta 'l ħadd.
Hi bieżla. Dejjem taħdem,
Ittir, ma tgħejja qatt.

Hajr nagħtu 'l Alla dejjem
Ta' dan ;-insett tal-fjur
Li jdakkar, jagħmel l-għasel
U xama' skur, 'mma pur.

Nitgħallmu nkunu bieżla
Bħan-naħal ġewwa l-ġnien.
U x-xogħol nagħmluh minn qalbna,
U dan bla telf ta' żmien.

Mellieħa 2007

